MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 48/2003/1

**Maria Illeana Curmi**

**Versus**

**Emanuel Mallia**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponeneti tikri lil-intimat il-fond numru disgha u disghin appartament numru wiehed (99 Flat 1) Triq il-Zecca, Valletta, bil-kera ta’ wiehed u ghoxrin lira u ghoxrin centezmi (Lm 21.20c) fis-sena bhala residenza. Skadenza li tmiss 20 ta’ Lulju 2003.

Illi l-intimat abbanduna l-fond u ghalhekk mhux qed juzah ghall-iskop li ghalih inkera u ghamel hsarat konsiderevoli fil-fond.

Ghaldaqstant ghal-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jawtorizza lil-esponenti ma ggedditx il-lokazzjoni tal-fond 99 Flat 1 Triq il-Zekka, Valletta, fl-skadenza li tmiss u tordna l-izgumbrament tieghu minnu.

Bl-ispejjes.

Ra li l-intimat debitament notifikat a tenur ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 la deher u lanqas ressaq risposta fir-registru.

Ra l-artikolu 30 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha terga' tiehu f'idejha l-fond 99 Flat 1, Triq iz-Zecca l-Belt Valletta; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar (1) zmien m'illum;l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------